MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2023

Appell Inferjuri Numru 42/2022 LM

**Joseph Mallan (K.I. nru. 348463(M))**
*('l-appellant')*

***vs*.**

**Kalkara Boatyards Co Ltd (C 8018)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Joseph Mallan (K.I. nru. 348463(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-27 ta' April, 2022, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru.

3994/FM, fejn it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent kienet saret għal raġuni ġusta u suffiċjenti min-naħa tas-soċjetà intimata Kalkara Boatyards Co. Ltd (C 8018) [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'].

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellata, b'effett mill-11 ta' Ġunju, 2021.[1]

**Mertu**

3. Ir-rikorrent għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fis-27 ta' Awwissu, 2021 permezz ta' rikors fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

*"1) Jiddikjara illi t-tkeċċija kienet waħda inġusta;*
*2) Jordna illi r-rikorrent jerġa' jiddaħħal fl-impjieg li kellu, bl-istess salarju, qabel ma ġie imkeċċi inġustament;*
*3) Fin-nuqqas illi t-Tribunal ma jagħmilx ordni biex ir-rikorrent jerġa' jiddaħħal fl-impjieg tiegħu, illi t-Tribunal jagħti sentenza ta' kumpens adegwat li għandha titħallas mis-soċjetà intimata wara li jiġu meqjusa d-danni u telfien li qed ibati r-rikorrent kif ukoll l-età u s-sengħa tar-rikorrent hekk kif dawn jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg tiegħu.*

*Salv kull provvediment ieħor li t-Tribunal jogħġbu jordna."*

4. Is-soċjetà intimata ppreżentat ir-risposta tagħha fl-4 ta' Ottubru, 2021 fejn ikkontendiet li '...*l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma għal kollox inveritiera u infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu respinti bl-*

[1] Ara Dok. JM2 a *fol.* 1 tal-atti quddiem it-Tribunal.

*ispejjeż kontra l-istess rikorrent u dan għar-raġunijiet segwenti u kif ser jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-każ'.*

## **Id-deċiżjoni appellata**

5. Dawn huma l-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

> ***"3. Kunsiderazzjonijiet***
>
> *Ir-Rikorrent jagħti verżjoni differenti ta' dak li ġara fl-uffiċċju. Jgħid li ħabbat il-bieb, daħal u għamel sinjal lil wieħed direttur, Manuel Delceppo, biex joħroġ biex ikellmu u dana qallu biex jidħol hu fl-uffiċċju. Jgħid li dan kellmu jgħajjat u fl-aħħar qallu "aqbiżli mill-uffiċju" (seduta 9.2.22). Jgħid li meta kien tielaq fil-kuritur xi diretturi oħra qalulu lil Manuel Delceppo "qaċċtu 'l hemm, dabbarlu rasu". Dan sama' minnhom u qallu "inti bin-*notice*" (l-istess seduta). Wara sar jaf li fil-formula niżżlu li tkeċċa minħabba dixxiplina. Jinnega diversi drabi li kellhimhom ħażin u li heddidhom. Jinnega li għajjat. Anzi jgħid li huma għajtu mhux hu. Affaċċjat b'din is-sitwazzjoni kontrastanti t-Tribunal kellu bilfors jevalwa x'ġara sewwa biex jagħti l-ġudizzju tiegħu. Minn eżami tax-xhieda, li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh kienu aħwa, ġie attribwit lir-Rikorrent kliem ħażin, baxx u pastaż. Iżda jispikka fuq kollox it-theddid. It-Tribunal jidhirlu a bażi ta' bilanċ ta' probabilità li l-versjoni tal-aħwa Delceppo hija eqreb il-verità minn dik tar-Rikorrent. Ma jistax wieħed jifhem li r-Rikorrent mar biex jinsisti fuq l-użu tal-mażżra u jitlaq bil-kwiet meta ma jieħux dak li kien jaħseb li hu tiegħu. Fil-fehma tat-Tribunal il-kliem ħażin u baxx li d-diretturi jammonta għan-nuqqas tar-rispett u forsi tista' tiddeskrivih bħala insubordinazzjoni u kieku waqaf hemm ir-Rikorrent ma kienx ikun ħati f'livell li jimmerita tkeċċija. Iżda dan il-livell intlaħaq bit-theddid. It-Tribunal huwa tal-fehma li theddid tax-xorta li għamel ir-Rikorrent jirrendi r-raġuni tat-tkeċċija bħala suffiċjenti."*

## **L-Appell**

6. Ir-rikorrent ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-9 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li d-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett,

filwaqt li tordna li l-inkartament jintbagħat lura lit-Tribunal skond il-liġi, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata.

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

*‘1) Illi il-provi konfliġġenti li kellu quddiemu t-Tribunal ma kienux biżżejjed sabiex iwasslu għal raġuni tajba u suffiċjenti għat-terminazzjoni;*

*2) Illi t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tad-dritt f’dak li hu interpretazzjoni ta’ x’inhi “tkeċċija nġusta”, speċjalment in vista tal-fatt li r-rikorrent qatt ma kellu rapporti negattivi dwar xogħlu jew dwar l-aġir tiegħu fit-tul taż-żmien li għamel fl-impjieg tal-kumpannija, u lanqas ma għadda minn proċess ta’ dixxiplina li jirrispetta s-saltna tad-dritt;*

*3) Illi kien hemm nuqqas ta’ proporzjonalità bejn l-aġir allegatament kolpuż tal-appellant u s-sanzjoni tat-tkeċċija, fis-sens li anke jekk forsi kien hemm nuqqas da parti tiegħu, dan kien tant minimu li legalment ma setax iwassal għall-piena drastika tat-terminazzjoni tal-impjieg”.*

7. Is-soċjetà appellata għażlet li ma tweġibx, għalkemm l-avukati difensuri taż-żewġ partijiet ittrattaw *viva voce*.

## **<u>Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell tar-rikorrent sarx skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema subartikolu jagħti dritt ta’ appell biss fuq punt ta’ liġi.

9. Il-Qorti mill-ewwel tagħraf li bla dubju ta’ xejn l-aggravji tar-rikorrent jirrigwardaw il-fatti kif investigati u interpretati mit-Tribunal, u ma jikkunsidraw l-ebda punt ta’ liġi. Tirrileva li r-rikorrent fir-rikors tiegħu, mill-ewwel jidħol fil-kwistjoni tal-mod ta’ kif tkeċċa, u jkompli billi jittanta jiġġustifika dak kollu li

seħħ min-naħa tiegħu, filwaqt li jisħaqq fuq in-nuqqas ta' prova min-naħa tas-soċjetà appellata.

12. Għaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji tiegħu, u konsegwentement tal-appell intavolat minnu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell odjern, filwaqt li tiddikjarah irritu u null stante li ma sarx skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, u dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mir-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**